TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Alexandra Farrugia

Vs

Domain Academy

CCT 187/20/MM

Illum, 18 ta' Jannar 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-3 ta' Diċembru 2020 fejn talbet is-somma ta' elf, ħames mija u ħamsin Ewro (€ 1550) rappreżentanti l-flus tal-lezzjonijiet li r-rikorrenti ma attendietx għalihom mix-xahar kollu ta' Gunju sal 14 ta' Lulju 2020, kif ukoll għal-lezzjonijiet li ma ingħtawx minkejja li kienet ġiet immarkata preżenti iżda l-lezzjonijiet ma sarux.

Illi permezz ta' risposta datata 21 ta' Diċembru 2020, l-intimata tisħaq li hi m'għandha tħallas l-ebda danni stante li hi qatt ma qarrqet bir-rikorrenti u l-għalliema li pprovdew il-kors tal-MBA kienu kollha kreditati u illi kienet l-attriċi li għażlet li ma tattendiex għall-lezzjonijiet, oltre li t-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti tinsisti illi s-servizz provdut lilha relatat mal-kors bl-isem 'MBA Global' ma' Domain Academy ma kienx tal-livell li ġiet imwegħda. Hi kienet ġiet assigurata u dan f'laqgħa datata 4 ta' Novembru 2019 mal-intimati li l-għalliema kienu kreditati mill-Universita' ta' Derby. Hi tispjega li minħabba l-fatt li din l-'MBA' hija maqsuma fi tlett fażijiet fejn skontha l-għalliema akkreditati kienu għat-tieni u t-tielet fażi biss.

Hi tinsisti li tħossha li ġiet imqarrqa sabiex tibda dan l-'MBA' u tħoss li fir-rigward tal-ewwel fażi, l-għalliema ma kienux speċjalizzati fuq is-suġġetti li jgħallmu u għalhekk hija għażlet li twaqqaf l-istudji tagħha. F'ittra mibgħuta lill-intimata hija titlob, '*I am requesting to be terminated from this course because I have lost all this trust in this Academy due to all the shortcomings listed above but especially it transpired from prima facie evidence that I have been deceived. Also, this was not the level of service I have been promised from Domain Academy. I am really disappointed that I have spent my money at Domain Academy and it turned out that the service was lacking, unprofessional and unethical. Therefore, I am requesting the full payment of the fees or partial payment for the lectures I will not attend which I have paid already due to all the shortcomings I have highlighted below by Domain Academy.*'

Min-naħa l-oħra, Eric Mangion għas-soċjeta' intimata jispjega illi huma awtorizzati minn NCFHE (National Commission for Further and Higher Education) sabiex joperaw fil-livell rikjest minnhom. Huwa jisħaq li l-kors li huma jipprovdu ma jiġix ippreparat lokalment iżda fuq il-British Awarding Bodies. Hu jgħid li l-*lecturers* kollha huma kreditati minn barra speċifikament mill-Universita' ta' Derby b'eċċezzjoni għall-ewwel fażi li jkunu kreditati mill-Universita' ta' Pearson ġewwa l-Ingilterra. Il-*lecturers* isirilhom *audit* darbtejn f'sena, u ta' dan ppreżenta provi dokumentarji.

Ikkunsidra

Illi minn analiżi tad-dokumentazzjoni preżentata, saħansitra l-aċċettazzjoni tal-applikazzjoni datata 5 ta' Frar, 2020 liema dokument ġie ppreżentat mir-rikorrenti nhar id-19 ta' Ottubru 2021 u mmarkat bħala Dok AF1, joħroġ biċ-ċar mid-deskrizzjoni u t-taqsim tal-kors li kien

hemm distinzjoni bejn l-ewwel u l-aħħar żewġ fażijiet, fejn, mingħajr ma jitnaqqas il-valur tal-ebda mill-istituzzjonijiet, hemm indikat li l-*awarding body* tal-ewwel fażi hija minn Pearson BTEC filwaqt li l-aħħar tnejn mill-Universita' ta' Derby. Illi għalhekk, *se mai*, ir-rikorrenti mhux biss ma kienetx żvijatha imma kellha kull opportunita' li tqajjem l-oġġezzjoni tagħha dak iż-żmien kif ukoll twaqqaf kwalunkwe pagament dovut. Jidher biċċar mill-istess dokumentazzjoni li sa dakinhar hija kienet għadha ħallset biss l-ewwel depożitu fl-ammont ta' Euro 550. Madanakollu, jirriżulta anki *ex admissis* li r-rikorrenti kienu għoġbuha l-aħħar żewġ fażijiet tal-kors u għalhekk xorta waħda baqgħet tattendi minkejja li kienet taf bl-akkreditazzjonji differenti tal-ewwel fażi tal-kors.

Illi għalhekk ċertament ir-reżenja unilaterali tagħha mill-kors ma hijiex ġustifikata u l-intimata bl-ebda mod ma ċaħħdet lir-rikorrenti milli tattendi għal-lezzjonijiet li hija kienet ħallset għalihom.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti għar-raġunijiet premessi.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru